ANTI POVERTY FORUM
MALTA

*c/o 9, Camilleri Court in Testaferrata Street, Ta' Xbiex XBX 1407, Malta*
*E-mail address: info@apfmalta.com*
*Tel: (+356) 21444754 Mobile: (+356) 79052888*
*Voluntary Organisation Registration No: 0271*

**26 ta' Frar 2010**

## Laqgħa Ġenerali Annwali

## RAPPORT AMMINISTRATIV GHAS-SENA 2009

Nibda biex ngħid li din is-sena kienet waħda li fija stajna nkunu f'pożżizjoni li nħarsu l-quddiem għaliex wara ħafna taħbit sabiex nikonfermaw l-Istatut u nibnu struttura stajna nqumu fuq saqajna u nibdew naħdmu. Kif żgur li intom ilkoll tafu t-twaqqif tal-Anti Poverty Forum Malta ħalla l-frott tiegħu u ta biedu sod għal l-għannijiet tiegħu. Ta' dan manistax ma nirrikonoxux ix-xogħol siewi li għamel is-Sur Godfrey Kennely permezz tal-SOS Malta. Wara rriżenja tiegħu ġie maħtur bħala Chairman, Fr. Edgar Busuttil iżda minħabba ragunijiet oħra huwa wkoll kellu jirriżenja minn din il-kariga madankollu xorta waħda baqa' jagħti l-kontribut tiegħu kemm lokali kif ukoll fuq livell Ewropew. Fr. Busuttil kien u għadu jagħti s-sehem tiegħu fuq il-kumitat eżekkutiv tal-EAPN fi Brussel.

Ftit taż-żmien wara jiena gejt maħtura Chairman tal-EAPN Malta u l-ewwel ħaġa li kelli nagħmel kienet li nara li l-Istatut ma jibqax *draft* iżda li jigi kkonfermat. Nista ngħid li dan ħa ħafna żmien biex sa fl-aħħar intlaħaq qbil fuqu. Kien hemm raġunijiet tekniċi u wieħed mill-ostakoli kien li ma stajniex inżommu l-isem EAPN u allura qbilna li l-isem jinbidel u sar Anti Poverty Forum Malta. Dan l-Istatut tressaq għand Nutar għall-approvazzjoni. B'hekk stajna nirreġistraw dan il-Forum mal-Uffiċċju tal-Volontarjat ta' Għaqdiet mhux Governativi. Iżda dan ma settax isir qabel ma ġew mogħtija l-karigi uffiċjali. Sa dan iż-żmien konna qedin naqsmu ix-xogħol u rresponsabilitajiet kollha flimkien. Għaldaqstant ġew maħtura u kkonfermati fil-kariga ta' President – Irene Schembri, Viċi President – Leonid McKay, Segretarja – Victoria Bugeja (Is-Sinjura Bugeja kellha tirriżenja dan ix-xahar), Fr. Edgar Busuttil – Assistent Segretarju, Teżorier – Carmel Mallia.

Ħsibna li jkollna ndirizz eletroniku iżda minħabba li l-pożżizjoni finanzjara kienet ħażina minħabba l-fatt li ma kellniex Euro wieħed biex naħdmu dan ma settax isir possibli li kieku ma kienx għal l-organizzazjoni SOS Malta li ħadet ħsieb tidħol għal din l-ispiża. Ta' dan mill-qalb nirringrazzja lis-Sinjura Claudia Taylor East tad-donazzjoni li serhitilna rasna ghas-sena 2009.

Sas sena 2008 il-*co-funding* kien jsir mill-SOS Malta iżda mis-sena 2009 kienet l-APF Malta responsabbli ta' dan. Kien żmien diffiċli ferm iżda peress li nemmnu fix-xogħol li konna qedin nagħmlu u fil-kawza gusta tiegħu ma qtajniex qalbna. Ghaldaqstant fil-limitazzjonijiet li kellna applikajna ghall-progett. L-għażla kienet għal wieħed biss mit-tnejn li ġejna offruti minħabba li

ma kellniex flus. Dan kien dwar in-NAP. Dan ix-xogħol sar mill-Viċi President is-Sur Leonid McKay.

l-Organizzazzjonijiet rappreżżentati fuq il-Kumitat Eżekkutiv ħallsu l-miżata tas-sħubija tagħhom fl-APF. Din hija ta' €40 fis-sena. B'hekk illum għandna xi ħaġa oħra tal-flus fil-kont bankarju li rnexxeilna niftħu.

Sakemm dan ix-xogħol kien qiegħed isir kull membru fuq il-Kumitat Eżekkutiv kien għaddej fuq ix-xogħol tiegħu li kien assenjat għalih. Dan sar bil-parteċipazzjoni tagħna fil-gruppi ta' ħidma fl-EAPN Brussel li huma fuq Impiegi, Fondi Strutturali u Inklużjoni Socjali. Barra min hekk kien hemm membru tal-Eżekutiv iehor, is-Sur C. Mallia li ħa ħsieb il-kampanja dwar id-Dħul Minimu. Is-Sur Mallia ħa l-inkarigu wkoll u kiteb diversi stqarrijiet fl-istampa. Grazzi li n-National Association of Pensioners. Is-suggett l-*Mainstreaming Globalisation* kien f'idejn Fr. E. Busuttil.

Ta' kull sena tiġi organizzata laqgħa ta' persuni li jbagħtu l-faqar. Għal din il-laqgħa il-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea jiġu mitluba jħħeju tlett persuni li jbgħtu l-faqar biex jitilaw magħhom għal din il-laqgħa. F'din l-okażżjoni dawn in-nies jkunu jistgħu jipparteċipaw billi jesprimu l-esperjenzi tagħhom li jiltaqaw u jitkellmu ma' persuni oħra. Is-Sinjorina Dolores Gauci kienet tieħu ħsieb din il-preparazzjoni iżda s-sena l-oħra kelli l-opportunita li norganiżża din jiena bl-ghajnuna ta' is-Sinjorina Gauci u Fr. Busuttil li ukoll kellu din l-esperjenza fil-passat. Is-sena l-oħra gejna mitluba mill-EAPN li neqilbu għall-Malti parti mill-proċess tagħha. Ta' dan l-EAPN tħallas għax-xogħol li jsir. Kienet il-Richmond Foundation li offriet li tagħmel dan u l-flus li ġew mogħtija tħallew fil-kont bankarju tal-APF. Ta' dan minn qalbi nirringrazzja lis-Sinjorina Dolores Gauci.

Filwaqt li ħlejna ħafna enerġija biex solvejna ċerta problemi li kellna naffaċċaw sabiex waqqafna l-APF iż-żmien kien għaddej għaliex kif jgħidu ż-żmien ma jistenna lil ħadd. Is-Sena Ewropea tal-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużżjoni Socjali kienet qed toqrob sewwa għaldaqstant aħna sa minn nofs is-sena bdejna nagħmlu kuntatti ma' n-*National Implementing Body* dwar l-attivitajiet ta' din is-sena. Ix-xogħol tagħna ma kienx jidher iżda kien wasal iż-żmien li nuru li aħna konna mħħejjija tajjeb ukoll għal din is-sena. Għal dan il-għan il-Kumitat Eżekkutiv waqaf Task Force li ċ-Chairman tiegħu hu is-Sur Leonid McKay minħabba li sa mil-bidu tas-sena 2009 hu gie maħtur biex ikun koordinatur għas-sena ewropea 2010. Dan it-Task Force huwa kompost min Fr. E. Busuttil, is-Sur Holger Saliba, is-Sur Paul Vella Haber, is-Sur Shadrack Freeborne u jien. Dan iltaqa' diversi drabi biex jaħdem il-programm għal din is-sena. Grazzi mil gdid lill- Caritas. Is-Sur L. McKay bagħat ittra lill-membri kollha fejn talab li min għandu xi progett jew programm u xtaq jissieheb magħna javviċinana. Iżda ħadd ma wera nteress.

Tlabna li niltaqgħu mal-President ta' Malta fejn tkellimna miegħu fuq ix-xogħol tagħna u bil-pjan ta' ħidma li ħejjejna għal din is-sena. Huwa wera interess kbir fix-xogħol tagħna u laqa t-talba li saritlu biex l-attivitajiet tagħna f'din sena Ewropea jsiru taħt il-Patruċinju tiegħu. Dan għalina kien ta' sodisfazzjon kbir.

Fix-xahar ta' Dicembru ftit jiem qabel il-Mieled gejna mogħtija appuntament biex niltaqgħu mas-Sur F. Borg li kien il-Kap tan-*National Implementing Body*. Din il-laqgħa ġiet segwita min laqgħa oħra din id-darba mal-membri kollha tal-NIB. Hawn ġejna mwegħda li xi programmi li kellna kienu se jkunu co-funded min dan il-budget li kellha l-NIB fosthom kienet il-Launching

tas-Sena 2010. Barra min dan se norganiżżaw *Panel Discussion* li se jsir il-Parlament bil-parteċipazjoni ta' persuni li jbagħtu l-poverta. Għal din l-okkażjoni ġej Malta id-Direttur tal-EAPN, is-Sur Fintan Farell. Mistennija l-attendenza ta' diversi membri Parlamentari wara li l-Speaker tal-kamra tad-deputati laqa t-talba tagħna f'laqgha li tlabna li jkollna miegħu. F'din l-attivita Fr. Edgar Busuttil ser jippreżenta studju li sar f'Malta dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Nirringrazzja lil Centre for Faith and Justice għal dan ix-xogħol. Qedin isiru preparamenti ukoll għall Round Table Conference li għandha ssir iktar tard mas-sena. Din ukoll għandha tkun *co-funded*.

Matul is-sena ppreparajna wkoll programmi fuq it-TV, mod partikulari Qalb in-Nies fejn permezz tagħhom se nagħdu messagg. Dawn il-programmi saru din id-darba b'ħidma tiegħi grazzi għal Malta Society of the Blind.

Il-President ta' Malta laqgħa l-istedina tagħna biex jagħddi l-messagg lin-nazzjon fil-jum internazzjonali dwar il-faqar u l-inkluzjoni soċjali li jiġi ċ-ċelebrat fis-17 ta' Ottubru.

Barra min hekk l-APF gentilment giet mitluba is-Sinjura Claudia Taylor East tippartecipa f'Konferenza Internazzjonali tal-World Organisation of Alumni of the Sacret Heart. Mistednin ukoll nippartecippaw f'konferenzi oħra li se jsiru mill-Richmond Foundation kif ukoll mill-National Association of Pensioners.

Kif taraw kelna sena li fiha ħdimna b'ħafna sagrifiċċu iżda bil-qalb minkejja tfixkiel u ċirkustanzi diffiċli fejn xi kultant bdejna biex naqtgħu qalbna. Madankollu għandna sena quddiemna li fiha ghad irridu nagħmlu ħafna xogħol. Dan għalina mhux biżżejed. L-għan tagħna u li din is-sena tħalli frott għall-persuni li qedin ibagħtu l-faqar.

Nixtiequ li jkollna iktar viżżjoni ċara, bi pjanijiet ċari u b'hekk nattiraw aktar membri li jieħdu sehem b'parteċċipazzjoni attiva.

Ma nistax nalaq qabel ma nirringrazzja bil qawwa kollha lil kull membru ta' dan il-Kumitat Ezekkutiv tax-xogħol kollu li għamlu u tas-sapport li tawni kull meta kelli bżonn l-għajnuna tagħhom.

**Irene Schembri**
**President**